

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 504/2011**tat-23 ta' Mejju 2011****li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 442/2011 tad-9 ta' Mejju 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 442/2011.
- (2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/302/PESK tat-23 ta' Mejju 2011 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ⁽²⁾, persuni oħra għandhom jiġu inklużi fil-lista ta'

persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 442/2011.

- (3) L-informazzjoni rigward ċerti persuni inklużi fil-lista fl-Anness II ta' dak ir-Regolament għandha tiġi aġġornata,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 442/2011 għandu jiġi sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2011.

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. ASHTON

⁽¹⁾ ĠU L 121, 10.5.2011, p. 1.⁽²⁾ Ara paġna 91 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNEX

"ANNEX II

LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI U ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Bashar Al-Assad	Twieled fil-11/09/1965 f'Damas; nru tal-passaport diplomatiku D1903	President tar-Repubblika; Ordna u mexxa r-repressjoni kontra l-manifestanti.	23.05.2011
2.	Mahir (magħruf ukoll bħala Maher) Al-Assad	Twieled fit-8 ta' Diċembru 1967; nru tal-passaport diplomatiku 4138	Kmadant tar-raba' Diviżjoni tal-Armata, membru tal-Baath Party Central Command, strongman tal-Gwardja Repubblikana; hu l-President Bashar Al-Assad; responsabbiltà prinċipali tal-vjolenza kontra d-dimostranti.	23.05.2011
3.	Ali Mamluk (magħruf ukoll bħala Mamlouk)	Twieled fid-19 ta' Frar 1946 f'Damasku; nru tal-passaport diplomatiku 983	Kap tad-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence Sirjana (ĠID); involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	23.05.2011
4.	Muhammad Ibrahim Al-Sha'ar (magħruf ukoll bħala Mohammad Ibrahim Al-Chaar)		Ministru tal-Intern involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	23.05.2011
5.	Atej (magħruf ukoll bħala Atef, Atif) Najib		Qabel kien il-Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika f'Deraa; kuġin tal-President Bashar Al-Assad; involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	23.05.2011
6.	Hafiz Makhlof (magħruf ukoll bħala Hafez Makhlof)	Twieled fit-2 ta' April 1971 f'Damasku; nru tal-passaport diplomatiku 2246	Kurunell u Kap ta' Unità fid-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence, il-Ferġha ta' Damasku; kuġin tal-President Bashar Al-Assad; qrib ta' Mahir Al-Assad; involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	23.05.2011
7.	Muhammad Dib Zaytun (magħruf ukoll bħala Mohammed Dib Zeitoun)	Twieled fl-20 ta' Mejju 1951 f'Damas; passaport diplomatiku D 000, 00 13 00	Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika; involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	23.05.2011
8.	Amjad Al-Abbas		Kap tas-Sigurtà Politika f'Banyas, involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti f'Baida.	23.05.2011
9.	Rami Makhlof	Twieled fl-10 ta' Lulju 1969 f'Damasku, nru tal-passaport 454224	Negozjant Sirjan; assoċjat ta' Mahir al-Assad; kuġin tal-President Bashar Al-Assad; jipprovdri finanzjament lir-reġim biex jippermetti l-vjolenza kontra d-dimostranti.	23.05.2011
10.	Abd Al-Fatah Qudsiyah	Twieled fl-1953 f'Hama; passaport diplomatiku D0005788	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI) involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011
11.	Jamil Hassan		Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
12.	Rustum Ghazali	Twieled fit-3 ta' Mejju 1953 f'Deraa; passaport diplomatiku D000000887	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana tal-Fergħa tal-Kampanja ta' Damasku; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011
13.	Fawwaz Al-Assad	Twieled fit-18 ta' Ġunju 1962 f'Kerdala; nru tal-passaport 88238	Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili bħala parti mill-milizzja ta' Shabiha.	23.05.2011
14.	Munzir Al-Assad	Twieled fl-1 ta' Marzu 1961 f'Lattaquié; nru tal-passaport 86449 u 842781	Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili bħala parti mill-milizzja ta' Shabiha.	23.05.2011
15.	Asif Shawkat	Twieled fil-15 ta' Jannar 1950 f'Al-Madehleh, Tartus	Deputat Kap tal-Persunal għas-Sigurtá u r-Reconnaissance; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011
16.	Hisham Ikhtiyar	Twieled fl-1941	Kap tal-Uffiċċju tas-Sigurtá Nazzjonali Sirjana; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011
17.	Faruq Al Shar'	Twieled fl-10 ta' Diċembru 1938;	Viċi President tas-Sirja; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011
18.	Muhammad Nasif Khayrbik	Twieled fl-10 ta' April 1937 (alt. 20 ta' Mejju 1937) f'Hama, nru tal-passaport diplomatiku 0002250	Assistent Viċi President tas-Sirja għall-Affarijiet tas-Sigurtá Nazzjonali; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011
19.	Mohamed Hamcho	Twieled fl-20 ta' Mejju 1966; nru tal-passaport diplomatiku 002954347	Ħaten Mahir Al-Assad; negozjant u aġent lokali ta' diversi kumpanniji barranin; jiffinanzja r-reġim li jippermetti r-repressjoni kontra d-dimostranti.	23.05.2011
20.	Iyad (magħruf ukoll bħala Eyad) Makhlof	Twieled fil-21 ta' Jannar 1973 f'Damasku; nru tal-passaport N001820740	Hu Rami Makhlof u Uffiċjal tal-ĠID involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011
21.	Bassam Al Hassan		Konsulent Presidenzjali għall-Affarijiet Strateġiċi; involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.05.2011
22.	Dawud Rajiha		Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati responsabbli għall-involvement militari fir-repressjoni tad-dimostranti paċifiċi.	23.05.2011
23.	Ihab (magħruf ukoll bħala Ehab, Ihab) Makhlof	Twieled fil-21 ta' Jannar 1973 f'Damasku; nru tal-passaport N002848852	Viċi President ta' SyriaTel u jieħu ħsieb il-Kumpannija Amerikana ta' Rami Makhlof jipprovdi finanzjament lir-reġim biex jippermetti l-vjolenza kontra d-dimostranti.	23.05.2011"